KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 42 *ad hoc* IS-SITT KUNSILL**

It-tnejn u erbgħin (42) *ad hoc* seduta tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-**Erbgħa 3 t'Awwissu, 2011** fis-5.40 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer u l-Kunsilliera Marianne Aquilina, Yves Cali, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri u Julian Galea.

**APOLOĠIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))**

Il-Kunsillier Nikki Dimech avża li ma setax jattendi minħabba raġunijiet personali.
Il-Kunsillier Nicolai Gauci avża li ma setax jattendi minħabba raġunijiet personali.
Il-Kunsill ikkunsidra l-apoloġija tal-Kunsillieri msemmija bħala raġonevoli.

Il-Kunsill ma rcivix korrispondenza mill-Kunsillier M. Debono li tindika jekk kienx se jattendi ghal-laqgha tal-Kunsill. Kien innutat li l-Kunsillier Debono ghamel komunikazzjoni bit-telefon. Is-Sindku pproponiet li jittiehed vot dwar jekk il-Kunsillier Debono kellux jitnizzel bhala skuzat jew assenti. Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier J. Galea ivvutaw favur illi jitniżżel bħala assenti, waqt li l-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, Y. Cali u Edward Cuschieri ivvutaw kontra. Il-Kunsillier M. Debono ma kellux ikun imniżżel bħala assenti.

Il-Kunsill ma rcivix korrispondenza mill-Kunsillier P. Pace li tindika jekk kienx se jattendi ghal-laqgha tal-Kunsill. Kien innutat li l-Kunsillier Pace ghamel komunikazzjoni bit-telefon. Is-Sindku pproponiet li jittiehed vot dwar jekk il-Kunsillier Pace kellux jitnizzel bhala skuzat jew assenti. Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier J. Galea ivvutaw favur illi jitniżżel bħala assenti, waqt li l-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, Y. Cali u Edward Cuschieri ivvutaw kontra. Il-Kunsillier P. Pace ma kellux ikun imniżżel bħala assenti.

Il-Kunsillier Patrick Pace (peress illi l-Kunsillier P. Pace ma baghatx email li mhux se jattendi, imma filghodu spjega li ma jiflaħx fuq it-telefon ittieħed vot jekk għandux jitniżżel bħala assenti jew skużat. Is-Sindku, Viċi

Sindku u Kunsillier J. Galea ivvutaw favur illi jitniżżel bħala assenti, il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, Y. Cali u Edward Cuschieri ivvutaw kontra. Il-Kunsillier P. Pace tniżżel bħala skużat).

UFFIĊJALI PREŻENTI
Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi
L-*Assistant Principal* Graziella Enriquez.

Is-Sur Joe Tabone, Head Monitoring Unit, Dipartiment Gvern Lokali
Is-Sur Chris Galea, Ufficjal Monitoring Unit, Dipartiment Gvern Lokali
Dott. Marion Camilleri

Is-Sindku ppresediet.

42.a Kien innutat li kien hemm prezenti membri tas-Socjeta San Girgor. Il-laqgha giet sospiza fis-5.44 ta' filghaxija biex ikun jista' jitkellem is-Sur Testa f'isem is-Socjeta San Girgor.

***Il-laqgha tkompliet bil-procedimenti taghha fis-5.47 ta' fighaxija.***

42.b Il-Kunsill ikkunsidra t-talba tas-Sur Testa ghal permess tal-Kunsill biex issir *car wash*. Kien innutat li l-Triq it-Torri hija triq traffikuza. Is-Sindku pproponiet li s-Socjeta San Girgor tinghata l-permess biex issir car wash fit-13 ta' Awwissu 2011 bejn id-9 ta' filghodu u l-5 ta' filghaxija biswit il-Vecchia Napoli. Il-Viċi Sindku ssekonda. Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, E. Cuschieri u J. Galea vvutaw favur. Il-Kunsillier S. Camilleri vvutat kontra. Il-proposta ghaddiet b'sitt voti favur.

**42.1.1 Bye-laws dwar l-organizzazzjoni ta' korsijiet u ħarġiet (Kunsill Lokali Tas-Sliema) Bye-Laws, 2011".**

42.1.1.1 Is-Sindku ressqet għad-diskussjoni tal-Kunsill l-abbozz "Bye-laws dwar l-organizzazzjoni ta' korsijiet u ħarġiet (Kunsill Lokali Tas-Sliema) Bye-Laws, 2011".

*Il-Kunsillier M. Debono daħal għas-seduta fis-5.54 ta' filgħaxija.*

42.1.1.2 Il-Kunsill kien infurmat li ma saru l-ebda kummenti mill-pubbliku wara li saru l-avvizi hekk kif titlob il-ligi. Wara li s-Sindku staqsiet jekk kienx hemm kummenti ohra mill-Kunsill, irrizulta li ma kien hemm l-ebda proposta ulterjuri.

42.1.1.3 Is-Sindku pproponit l-approvazzjoni tal-abbozz tal-Bye Law dwar l-organizzazzjoni ta' korsijiet u ħargiet. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**42.1.2 Bye-laws dwar xorb f'kontenituri tal-ħġieġ u l-konsum tal-alkoħol f'postijiet pubbliċi (Kunsill Lokali Tas-Sliema), Bye-Laws, 2011**

42.1.2.1 Is-Sindku ressqet għad-diskussjoni tal-Kunsill l-abbozz "Bye-Laws dwar xorb f'kontenituri tal-ħġieġ u l-konsum tal-alkoħol f'postijiet pubbliċi (Kunsill Lokali Tas-Sliema), Bye-Laws, 2011"

42.1.2.2 Il-Kunsill kien infurmat li ma saru l-ebda kummenti mill-pubbliku wara li saru l-avvizi hekk kif titlob il-ligi. Is-Sindku staqsiet jekk kienx hemm kummenti oħra mill-Kunsill. Saret diskussjoni. Kien innutat li din il-Bye Law ħadet in konsiderazzjoni l-bejgħ tal-alkoħol fil-festi. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet illi hi ta' l-opinjoni illi waqt il-festi m'għandux jinbiegħ alkoħol fil-fliexken tal-ħġieġ. Is-Sindku qalet illi ma taqbilx mal-fatt li ma tinxtarax birra fil-flixkun minn gabbana. Il-Kunsillier M. Debono qal illi hu ma jaqbilx ma' din il-Bye Law għaliex qal li din għandha tkun jew Bye Law kontra xorb alkoħoliku jew Bye Law kontra l-uzu tal-kontenituri tal-ħġieġ f'postijiet pubblici. Is-Sindku nnutat illi saru diversi lmenti minn residenti dwar tkissir ta' flixken tal-ħġieġ mal-faccati tar-residenzi tagħhom.

42.1.2.3 Ma tresqitx l-ebda emenda għall-abboz tal-Bye Law. Is-Sindku pproponit l-approvazzjoni tal-abbozz tal-Bye Law dwar il-kontenituri tal-ħġieġ u xorb alkoħoliku f'postijiet pubblici. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, u J. Galea ivvutaw favur. Il-Kunsillier M. Debono ivvota kontra. Il-*Bye Law* ġiet approvata b'seba (7) voti favur.

42.1.2.4 F'dan l-istadju is-Sindku proponiet illi l-abbozzi li se jkunu approvati jidħlu fis-seħħ ġimgħa wara l-pubblikazzjoni fil-Gazetta tal-Gvern. Il-Viċi Sindku issekonda. Il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, u J. Galea ivvutaw favur. Il-Kunsillier M. Debono astjena. Il-proposta ġiet approvata b'seba (7) voti favur.

**42.1.3 Bye-Laws dwar Projbizzjoni ta' Klieb fil-*Pools* Naturali (Kunsill Lokali Tas-Sliema) *Bye-Laws*, 2011**

42.1.3.1 Is-Sindku ressqet għad-diskussjoni tal-Kunsill l-abbozz "Bye-Laws dwar Projbizzjoni ta' Klieb fil-Pools Naturali (Kunsill Lokali Tas-Sliema) Bye-Laws, 2011".

42.1.3.2 Il-Kunsill kien infurmat li għalkemm il-pubbliku generali wera interess ma tħallewx kummenti għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku staqsiet jekk kienx hemm kummenti oħra mill-Kunsill. Saret diskussjoni dwar il-banjijiet li fihom kien qed ikun propost il-projbizzjoni tal-għawm tal-klieb. Il-Kunsill ikkunsidra zona oħra fil-vicinanzi tat-Torri. Kien hemm qbil li l-iskeda tinbidel u tizdied din iz-zona wkoll.

Minħabba n-natura tal-banjijiet li l-Kunsill kien qed jikkunsidra saret diskussjoni dwar it-titlu ta' din il-Bye Law. Kien hemm qbil li t-titlu bl-Ingliz jinbidel għal "Prohibition of dogs in rock cut pools and enclosed pools" waqt li bil-Malti għandu jinbidel għal "Projbizzjoni tal-klieb fil-banjijiet maqtugħin fil-blat u għadajjar magħluqin". Kien hemm qbil ukoll li din il-Bye Law tapplika biss fl-istagun tal-għawm.

42.1.3.3 Is-Sindku pproponiet li l-Bye Law terga tiġi ppublikata b'dawn l-emendi. Il-Kunsillier E. Cuschieri ssekonda. Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, S. Camilleri u J. Galea ivvutaw favur. Il-Kunsillier M. Debono ivvota kontra. Il-proposta ġiet approvata b'seba (7) voti favur.

**42.1.4 Projbizzjoni ta' Klieb fil-Ġonna Pubbliċi (Kunsill Lokali Tas-Sliema) *Bye-Laws*, 2011**

42.1.4.1 Is-Sindku ressqet għad-diskussjoni tal-Kunsill l-abbozz "Projbizzjoni ta' Klieb fil-Ġonna Pubbliċi (Kunsill Lokali Tas-Sliema) *Bye-Laws*, 2011".

42.1.4.2 Il-Kunsill ikkunsidra l-kummenti mill-pubbliku, il-petizzjoni li rċieva, kif ukoll il-Liġi Nazzjonali u għaldaqstant is-Sindku pproponiet li din il-Bye-Law ma tiġix ippublikata. Il-Kunsillier M. Debono ssekonda. Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, E. Cuschieri u J. Galea ivvutaw favur. Il-Kunsillier S. Camilleri vvutat kontra. Il-proposta ġiet approvata b'seba (7) voti favur.

42.1.4.3 Is-Sindku pproponiet li s-sinjali li hemm fi Ġnien Indipendenza li jindikaw li ma jistgħux jidħlu klieb ġol-ġnien jiġu mibdula b'sinjali li jgħidu li l-klieb iridu jinżammu dejjem fuq iċ-ċinga. Dawn is-sinjali għandhom jitwaħħlu wkoll fi Ġnien George Bonello Dupuis. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, E. Cuschieri u J. Galea ivvutaw favur, il-Kunsilliera S. Camilleri tivvota kontra. Il-proposta għaddiet.

42.1.4.4 Il-Viċi Sindku qal li l-MRRA għandu jikkonsulta mal-Kunsill qabel ma jwaħħal sinjali, wara li nnota illi fi Triq Bisazza twaħħlu sinjali li kienu jidhru li kienu maħruġa mill-Kunsill bl-emblema tal-Kunsill Lokali iżda l-Kunsill qatt ma kien mgħarraf b'dawn is-sinjali u li kienu jmorru wkoll kontra d-deċiżjoni meħuda mill-istess Kunsill.

**42.1.5 Kontroll ta' Klieb fuq il-Promenade u l-Bajjiet (Kunsill Lokali Tas-Sliema) Bye-Laws, 2011**

42.1.5.1 Is-Sindku ressqet għad-diskussjoni tal-Kunsill l-abbozz "Kontroll ta' Klieb fuq il-Promenade u l-Bajjiet (Kunsill Lokali Tas-Sliema) Bye-Laws, 2011".

42.1.5.2 Il-Kunsill ikkunsidra l-kummenti mill-pubbliku, il-petizzjoni li rċieva, kif ukoll il-Liġi Nazzjonali u għaldaqstant is-Sindku pproponiet li din il-Bye-Law ma tiġix ippublikata. Il-Kunsillier M. Debono ssekonda. Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, E. Cuschieri u J. Galea ivvutaw favur. Il-Kunsillier S. Camilleri vvutat kontra. Il-proposta ġiet approvata b'seba (7) voti favur.

**42.1.6 Barbeques fil-Lokalità ta' Tas-Sliema (Area ta' Qui-Si-Sana) Kunsill Lokali Tas-Sliema *Bye-Laws*, 2011**

42.1.6.1 Is-Sindku ressqet għad-diskussjoni tal-Kunsill l-abbozz "Barbeques fil-Lokalità ta' Tas-Sliema (Area ta' Qui-Si-Sana) Kunsill Lokali Tas-Sliema Bye-Laws, 2011."

42.1.6.2 Il-Kunsill ikkunsidra l-korrispondenza mill-pubbliku

42.1.6.3 Kien hemm diskussjoni jekk il-barbeques għandhomx jitħallew isiru f'zoni oħra f'Tas-Sliema minħabba li kien hemm residenti fi Triq it-Torri li lmentaw minħabba l-barbeques li jsiru . Irrizulta li kien hemm min esprima opinjonijiet differenti, fost dawn kien hemm suggeriment li l-barbeques għandhom jitħallew isiru biss f'zoni fejn ikun hemm mill-inqas 50 metru bod mir-residenzi, izda finalment kien konkluz illi l-Bye-Law tibqa' kif proposta.

42.1.6.4 Il-Viċi Sindku propona li tigi approvata l-Bye-Law kif imressqa. Il-Kunsillier S. Camilleri ssekondat. Il-Kunsilliera M. Aquilina vwotat favur. Is-Sindku, il-Kunsilliera E. Cuschieri, M. Debono u J. Galea vvutaw kontra. Il-Kunsillier Y. Cali astjeni. Il-mozzjoni m'għadditx.

42.1.6.5 Il-Kunsillier Y. Cali qal li huwa xtaq jivvota favur il-mozzjoni u mhux kontra ghaliex qal li tal-anqas ma jsirux barbeques fi Qui-Si-Sana jekk mhux kullimkien kif xtaq hu.

42.1.6.6 F'dan l-istadju kien hemm diskussjoni fit-tul minħabba illi l-Kunsillier Cali kien diġa qal li jrid jastjeni u wara biddel fehmtu u ried jivvota favur. Is-Sindku insistit li l-vot kien diga ttiehed u ghaldaqstant ma setax jerġa jittieħed il-vot. Mistoqsija s-Segretarju Ezekuttiv ikkonfermat dan. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jerga jittiehed il-vot.

42.1.6.7 Il-Viċi Sindku reġa ppropona li tigi approvata l-Bye-Law kif imressqa. Il-Kunsilliera S. Camilleri ssekondat. Ivvutaw favur il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali u S. Camilleri. Ivvutaw kontra s-Sindku, il-Kunsilliera E. Cuschieri, M. Debono u J. Galea. Is-Segretarju Ezekuttiv irrimarkat li f'cirkostanza bhal din irird jittiehed il-casting vote tas-Sindku. Qabel is-Sindku tefghet il-*casting vote* l-Kunsill rega ddiskuta l-metodu tal-votazzjoni, b'rizultat li l-vot issejjah mill-gdid.

Rega kien hemm diskussjoni fit-tul minħabba illi l-Kunsillier Cali kien diġa qal li jrid jastjeni u wara biddel fehmtu u ried jivvota favur. Is-Sindku insistit li l-vot kien diga ttiehed u ghaldaqstant ma setax jerġa jittieħed il-vot.

42.1.6.8 Il-Viċi Sindku reġa ppropona li tigi approvata l-Bye-Law kif imressqa. Il-Kunsilliera S. Camilleri ssekondat. Ivvutaw favur il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali u S. Camilleri. Ivvutaw kontra s-Sindku, il-Kunsilliera E. Cuschieri u J. Galea. Il-Kunsillier M. Debono astjena. Il-mozzjoni ghaddiet.

42.1.7. Emenda ghal Bye Law eżistenti dwar "Reklamar fuq l-Ghamar tat-Toroq"

42.1.7.1 Il-Kunsill iddiskuta l-emendi possibli ghal Bye Law dwar "Reklamar fuq l-Ghamara tat-Toroq".

42.1.7.2 Il-Kunsillier Y. Cali qal li jixtieq iżid li mal-permess tibda tingħata sticker bil-logo tal-Kunsill u trid titwaħħal fejn tidher. Kien diskuss li l-Kunsill ma japprovax sandwich boards u li ghandu jkun hemm iktar infurzar. L-Avukata tal-Kunsill prezentat l-emendi li kienet qed tipproponi. Il-Kunsill qabel unanimament li tinżamm il-Bye Law eżistenti u jiġi biss emendat l-interpretazzjoni tal-kelma "riklam" u li tibda tingħata sticker lil min japplika ghal permess simili ghal dik li tinhareg ghal permessi tal-krejnijiet.

42.1.8 Il-Kunsilliera S. Camilleri qalet li fil-gazzetta kien hemm avviz li jaqra li l-Enemalta lahqet ftehim mas-Sliema Business Community biex il-provvista tad-dawl tinqata l-Ħadd, minflok fost il-gimgha. Ġie deċiż unanimament li għandha tinħareġ stqarrija għall-istampa li taqra kif ġej 'Il-Kunsill Lokali Tas-Sliema jesprimi d-diżappunt tieghu li ma ġiex ikkonsultat mill-Korporazzjoni Enemalta dwar deċiżjoni ta' posponiment ta' xogħlijiet ta' manutenzjoni fit-toroq it-Torri, Tigne, Bisazza, Hughes Hallet, Sqaq Ġuzi Fava u Sqaq it-Torri, u ġiet ikkonsultata biss is-Sliema Business Community."

42.1.9 Il-Kunsill iddiskuta il-kaz tal-photocopier. Is-Sindku stiednet lill-Avukat tal-Kunsill Dott. Marion Camilleri sabiex tinforma lill-Kunsill dwar il-pozizzjoni legali tieghu. Wara diskussjoni fejn l-Avukat tat rendikont tac-cirkostanzi relatati u li wasslu biex il-Kunsill għażel lill-Advanced Telecommunications Ltd u l-process li wassal sabiex il-kuntratt ma giex iffirmat peress li nholqu divergenzi dwar it-termini tal-kwotazzjoni. Din il-pozizzjoni wasslet sabiex saret laqgha mad-Direttur ghal Gvern Lokali. Fuq talba tal-Kunsillier M. Debono il-kwotazzjonijiet inġiebu fuq il-mejda tal-Kunsill. Is-Sindku spjegat illi dakinhar tal-laqgħa tal-Kunsill tpoggew fuq il-mejda ghall-aggudikazzjoni il-kwotazzjonijiet flimkien mal-iskeda tas-sottomissjonijiet. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat illi din l-iskeda mhix rapport ta' aggudikazzjoni. Xi membri tal-Kunsill qalu li setghu kienu zgwidati mit-termini kif mitfugha mill-offerenti. Fi tmiem id-diskussjoni l-Avukat kienet tal-parir li l-Kunsill jiffirma l-kuntratt għall-sena u jiġi mġedded kull sena sal-massimu tal-€4658.

***Il-Kunsillier E. Cuschieri talab li jigi skuzat mis-Seduta fit-8.26 ta' filgħaxija.***

Is-Sindku pproponit li jigi ffirmat il-kuntratt sa capping ta' €4658.00, li tigi msewwija l-photocopier l-antika u li l-Kunsill ma jaqbizx l-ammont ta' €4658.00 għall-perjodu ta' ħames snin. Il-Kunsill qabel unanimament li din id-decizjoni tigi kkomunikata ghall-approvazzjoni tad-Dipartiment ghal Gvern Lokali qabel tidhol fis-sehh.

***Is-seduta ntemmet fit-8.35 ta' filgħaxija.***

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**

Minuti approvati llum 6 .................... ta' Ottubru 2011
(jum) (data) (xahar)